MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 131/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**George Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm623.17), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21804102 installat fil-fond Southern Cross, Triq il-President tar-Repubblika, Zabbar, u 695965 installat fil-fond 15 Triq il-Lvant, Birgu, li wara gie trasferit ghall-fond 90 Triq Santa Sudastika, Birgu.**
**Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Marzu, 2005 li fiha qal :**
**i. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-ammont reklamat mhux dovut.**
**ii. Illi t-talbiet attrici huma inoltre preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(d) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Keith Grech u ta' George Gatt. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' zewg kontijiet tat-telefon, wiehed rigwardanti t-telefon bin-numru 21804102, installat f'fond f'Haz-Zabbar, u l-iehor bin-numru 695965, installat f'fond il-Birgu.**
**2. Id-Dok.A datat 16 ta' Ottubru, 2002, li jirrigwarda l-installazzjoni tat-telefon f'Haz-Zabbar, hu ffirmat mill-konvenut. Id-Dok.C jindika li l-konvenut kien applika fit-2 ta' Marzu, 1991 ghal trasferiment tal-linja bin-numru 695965 minn fond ghal iehor fil-Birgu stess, u l-applikazzjoni relativa tinsab esebita bhala Dok.D, iffirmata mill-konvenut.**
**3. Jirrizulta li ntbaghtet ittra ufficjali lill-konvenut fit-30 t'Awissu, 2000, liema ittra giet notifikata lill-konvenut fit-18 ta' Settembru, 2000.**
**4. Il-konvenut spjega li dwar in-numru tat-telefon 695965, dan kien jinsab f'fond li ittiehidlu b'subasta, u mill-1995 kien qed jghix f'post iehor.**
**5. Il-konvenut spjega li n-numru l-iehor, cioe t-2180412, kien applika ghalih sabiex it-tifla ikollha l-internet, u dana b'effett mill-2002.**
**6. Dwar l-eccezzjoni li l-ammont hu preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(d) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` il-preskrizzjoni ta' hames snin, jibda biex jinghad li din definitivament ma tirrizultax dwar il-kont rigwardanti t-telefon bin-numru, 2180412. Filwaqt li dwar it-telefon bin-numru 695965, kif intqal, l-ittra**

**ufficjali giet notifikata fid-19 ta' Settembru, 2000, filwaqt li din il-kawza giet istitwita fit-12 ta' Jannar, 2005, u ghalhekk fit-terminu. Pero` ghal dan l-ahhar kont kwalunkwe ammont dovut qabel id-19 ta' Settembru, 1995, huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**7. Dwar dan l-ahhar numru tat-telefon, cioe` in-695965, il-kont globali tieghu jammont ghal tlett mija u tmienja u sebghin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm378.95). Minn dawn, l-ammont mitejn u sebgha u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm247.50) huma preskritti, u jibqa' bilanc ta' mija u wiehed u tletin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm131.45).**

**8. Dwar l-ammont ta' mitejn u erbgha u erbghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm244.22) rigwardanti t-telefon bin-numru 21804102, Dok.E, dana jirrizulta dovut.**

**9. Ghalhekk it-total dovut huwa ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm375.67).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata jiddikjara l-ammont ta' mitejn u sebgha u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm247.50) huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana fir-rigward tat-telefon bin-numru 695965, pero` qed jichad l-istess eccezzjoni fuq il-kumplament u fuq l-ammont dovut fuq il-linja tat-telefon bin-numru 21804102, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm375.67) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------